# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta 6 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 690/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 690/17 fl-ismijiet:

Carmelo **BARTOLO** (Supretendent)

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**; il-Ministru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali; u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti "iżżomm lill-intimati jew min minnhom milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta' Assistenti Kummissarji fi ħdan il-Korp tal-Pulizija in segwitu għas-sejħa li ħarġet nhar it-13 ta' Ottubru, 2016 u dan sakemm ir-rikorrent jibqa' jiġi preġudikat fid-drittijiet sħaħ tiegħu ta' '*a fair hearing* u *equality of arms*' fil-proċess quddiem il-

Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema proċess sar bi ksur tar-Regolamenti li jirregolaw l-istess proċess";

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta' Mejju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-15 ta' Mejju, 2017, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li mhumiex il-kontradditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tar-rikorrent safejn dawn jirrigwardaw il-proċess li sar quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ladarba l-imsemmija Kummissjoni mhijiex parti f'din il-proċedura, u li, f'kull każ, il-Ministru u s-Segretarju Permanenti intimati mhumiex lanqas il-kontradditturi leġittimi ta' din il-proċedura fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li għall-każ tar-rikorrent ma joħorġux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. Huma jgħidu li, fil-qofol tagħhom, l-ilmenti tar-rikorrent jirrigwardaw proċess li nżamm quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u li ntemm. Minbarra dan, ir-rikorrent inqeda wkoll bir-rimedju tal-kontestazzjoni li l-liġi tagħtih minn proċediment quddiem l-imsemmija Kummissjoni u l-fatt li dak ir-rimedju ma tahx ir-riżultat li ried ma jfissirx li l-proċess tmexxa bi ksur tal-jeddijiet tiegħu. Minbarra dan, żiedu jgħidu li, fi proċess ta' sejħa għall-mili ta' karigi, il-jedd tal-persuna hu li titħalla tikkonkorri fi proċess li jitmexxa b'mod xieraq u mhux li jkun garantit lilha li tabilfors tingħażel fil-ħatra li għaliha tkun applikat;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2017[1], li bih ċaħdet t-talba magħmula mis-Supretendenti Stephen Mallia, Dennis Theuma u Ramon Merċieca b'rikors tagħhom tal-11 ta' Mejju, 2017, biex jitħallew jintervjenu fil-proċedura *in statu et terminis*;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija waqt is-smigħ tas-16 ta' Mejju, 2017, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

---

[1] Paġġ. 111 – 2 tal-atti

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li jinżamm proċess ta' għażla għall-mili ta' postijiet fil-grad ta' Assistent Kummissarju fil-Korp tal-Pulizija;

Tqis li bis-saħħa ta' ċirkolari maħruġa fit-22 ta' Awwissu[2], 2016, saret sejħa minn fost uffiċjali fil-Korp li kienu diġa' fil-grad ta' Suprintendent, għall-mili tal-grad ta' Assistent Kummissarju fl-istess Korp. Ir-rikorrent għandu l-grad ta' Suprintendent li ilu jokkupa għal aktar minn għaxar (10) snin;

Tqis li r-rikorrent ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal dik is-sejħa bħalma wkoll għamlu għoxrin (20) kollega tiegħu. Il-proċess tal-għażla tmexxa minn Bord tal-Għażla magħmul mill-Kummissarju intimat u minn żewġ persuni oħrajn, li lilhom ingħatat id-delega mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord intervista lir-rikorrent fid-19 ta' Ottubru, 2016;

Tqis li fis-17 ta' Jannar, 2017[3], il-Bord ħareġ ir-riżultat tal-proċess tal-għażla u r-rikorrent ma kienx minn fost dawk li għaddew;

Tqis li fid-29 ta' Jannar, 2017[4], ir-rikorrent ressaq petizzjoni quddiem il-Kummissjoni bl-ilmenti tiegħu dwar ir-riżultat tal-proċess tal-għażla, u dan kif jipprovdi l-Manwal[5] u fiż-żmien hemmhekk preskritt;

Tqis li fis-27 ta' Frar, 2017[6], il-Kummissjoni bagħtet titlob lir-rikorrent biex jipprovdi lista ta' xhieda li kien fi ħsiebu jressaq (flimkien mal-għan mistenni minn kull xhud imsemmi) biex isaħħaħ il-petizzjoni tiegħu. Hi stħarrġet l-ilmenti tar-rikorrent;

Tqis li, b'ittra tal-10 ta' Marzu, 2017[7], il-Kummissjoni bagħtet tgħarraf lir-rikorrent x'kienu t-tweġibiet li taha l-Bord tal-Għażla għal kull wieħed mill-ilmenti li huwa kien qajjem fil-petizzjoni tiegħu;

---

[2] Ir-rikorrent jgħid li s-sejħa nħarġet fit-13 ta' Ottubru (ma tressqet l-ebda kopja tad-dokument tas-sejħa) iżda r-riżultat ippubblikat isemmi li s-sejħa saret f'Awwissu tal-2016.
[3] Dokti "CBG" u "CBH", f'paġġ. 91u 93 tal-atti
[4] Dok "A", f'paġġ. 10 sa 23 tal-atti
[5] Hawnhekk ir-riferenza hija għall-*Manual on the Selection & Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service* (It-tielet verżjoni maħruġa f'Novembru tal-2016). Ara wkoll A.L. 333/2016 (L.S. Kost. 05)
[6] Dok "Ċ", f'paġ. 26 tal-atti
[7] Dokti 'Ġ" u "CBA", f'paġġ. 34 sa 41u 64 sa 71 tal-atti

Tqis li l-Kummissjoni, fost l-oħrajn, bagħtet għalih (għal "laqgħa preliminari") u fl-14 ta' Marzu, 2017, semgħet x'kellu x'jgħid. Issejjaħ u deher fi smigħ ieħor fit-12 ta' April, 2017, li matulu talab li jingħata traskrizzjoni ta' dak li xehed fis-smigħ ta' qabel;

Tqis li fil-11 ta' April, 2017[8], il-Kummissjoni irrifjutat it-talba tar-rikorrent kemm dwar l-għoti tat-traskrizzjoni tax-xhieda li kien ta (għalkemm kien mgħarraf li seta' jmur fl-uffiċċji tal-Kummissjoni u jisma' r-reġistrazzjoni tax-xhieda tiegħu), kif ukoll li jingħata tagħrif ("*breakdown*") ta' kif tqassmu l-marki lill-konkorrenti l-oħrajn li wieġbu għas-sejħa, u t-talba biex isejjaħ ix-xhieda li l-istess Kummissjoni kienet stednitu jindikalha bħala xhieda li xtaq iressaq;

Tqis li b'ittra elettronika mibgħuta lilu fil-5 ta' Mejju, 2017[9], il-Kummissjoni għarrfet lir-rikorrent li l-ilmenti tiegħu ma kinux intlaqgħu u li l-każ tiegħu tqies li kien magħluq;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

---

[8] Dok "E", f'paġ. 30 tal-atti
[9] Dokti "B" u "CBK", f'paġġ. 24 u 98 tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12
[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[12] Art. 875(3) tal-Kap 12

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[14] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, normalment, fi proċedura bħal din, il-Qorti ma tistħarriġx "eċċezzjonijiet preliminari" li l-parti intimata tqajjem biex iżżomm l-istħarriġ li jmissha tagħmel il-Qorti biex tara jekk għandhiex jew le tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[15];

Tqis li dwar l-element fejn ikun dikjarat mill-awtorita' li tkun li l-għemil li l-Mandat irid iwaqqaf kien hemm il-ħsieb li jitwettaq, f'dan il-każ jinsab sodisfatt. Dan għaliex l-intimat Kummissarju tal-Pulizija iddikjara quddiem il-Qorti li l-ħsieb kien li jwettaq ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla (kif approvat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) u jgħaddi għall-għoti tal-ħatriet li kieku ma ntalabx il-ħruġ ta' dan il-Mandat;

Tqis li l-jedd mad-daqqa ta' għajn li r-rikorrent isejjes fuqu t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkun mexxiet il-proċeduri ta' quddiemha b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali. Huwa jgħid li l-imsemmija Kummissjoni naqset milli tħarishom u li mxiet mal-Manwal minflok mal-liġi li taħtha twaqqfet u

---

[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[14] Art. 873(3) tal-Kap 12
[15] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

tista' twettaq is-setgħat tagħha. Iżid jgħid ukoll li l-Ministru intimat indaħal ukoll fil-kriterji li kellha tħaddem il-Kummissjoni[16];

Tqis li l-insindakabilita' tat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-Qrati m'għadhiex meqjusa bħala waħda assoluta, imqar f'dak li jirrigwarda lment dwar nuqqas ta' tħaris ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali[17];

Tqis li l-ilment tar-rikorrent huwa sewwasew dwar jekk il-proċess tal-għażla li huwa wieġeb għalih huwiex milqut minn ksur ta' wħud minn dawn il-prinċipji. Il-fatt li l-Kummissjoni mhijiex parti f'din il-proċedura għall-ħruġ tal-Mandat (u tabilħaqq ma kien hemm l-ebda siwi li tkun imdaħħla f'dan il-proċediment ladarba xogħolha temmitu u ma hemm xejn xi twaqqaf aktar minn dak li kellha tagħmel) ma jfissirx li l-ħarsien li kellu jingħata għall-prinċipji ta' ħaqq naturali ma jibqax rilevanti, ladarba l-fażi tal-għoti tal-ħatra li fadal issir tiddependi wkoll mill-eżerċizzju mwettaq mill-imsemmija Kummisssjoni dwar l-ilmenti tar-rikorrent fil-petizzjoni tiegħu;

Tqis li l-għan li kull proċess ta' għażla f'konkors għall-mili ta' postijiet, partikolarment dawk fis-settur tas-servizz pubbliku, għandu jkun li jitmexxa kif imiss, b'ħarsien tar-regolamenti u bla xaqlib ta' biżgħa jew favur lejn l-ebda awtorita' jew persuna. Dan, minnu nnifsu, huwa għan li jnissel il-jedd ta' kull min jikkonkorri f'sejħat bħal dawn;

Tqis li, hekk kif ir-rikorrent qajjem l-ilmenti tiegħu dwar ir-riżultat ippubblikat, il-Kummissjoni qieset u ħadet passi biex tistħarreġ il-każ. Hija tat smigħ lir-rikorrent, tatu wkoll il-verżjoni miktuba tat-tweġibiet u r-raġunijiet mogħtijin mill-Bord tal-Għażla għal kull waħda mil-lanjanzi tiegħu;

Tqis li dwar l-ilment tar-rikorrent li l-Kummissjoni mxiet fuq il-Manwal u mhux fuq il-liġi, il-Qorti hija tal-fehma li, mad-daqqa t'għajn, dan ma jsejjisx l-ilment ta' tmexxija abbużiva jew lil hinn mil-liġi ("*ultra vires*") tal-proċess tal-għażla u f'dan il-każ jidher li l-kriterji tal-imsemmi Manwal jirriflettu dawk li jinsabu fl-Avviż Legali relattiv li fuqu jidher li l-Manwal huwa mfassal. Ta' min jgħid li l-liġi nnifisha tagħti li, fit-twettiq tal-liġi, jinħarġu linji-gwida "permanenti" (fil-għamla ta' Kodiċi dwar l-Immaniġġjar jew manwali) dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-organiżżazzjoni u t-tmexxija tas-servizz pubbliku[18]. Minbarra dan, huwa r-rikorrent innifsu li

[16] Xhieda tar-rikorrent f'paġ. 100 tal-atti
[17] P.A. TM **20.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti – Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura et***
[18] Art. 15(1) u (5) tal-Kap. 497

sejjes uħud mill-ilmenti tiegħu fil-petizzjoni lill-Kummissjoni fuq il-klawsoli tal-Manwal;

Illi bla ma tidħol f'eżami b'reqqa ta' kif tmexxa l-proċess tal-għażla fis-sejħa li għaliha ikkonkorra r-rikorrent u sħabu, xieraq jingħad li l-istess Manwal jipprovdi li " *the criteria and weightings may be tailored, within the parameters stated above, according to the exigencies emanating from the nature of the particular specialisation of the vacancy to be filled. .. .. On the other hand, qualifications become progressively less important as one approaches senior management level, particularly where internal calls for applications are concerned. At this level, e.g. scale 7 and higher, weight should be placed on experience as opposed to qualifications. An assessment of candidates' track record (initiatives, personal achievements) is particularly important at this level. This applies to management posts rather than posts involving the application of specialist professional expertise, where possession of advanced qualifications may be important. If a deviation from the semi-standard criteria is contemplated, the selection criteria should be endorsed by the Public Service Commission prior to the start of the interviews*"[19]. Fil-każ tal-lum jidher li dawk il-kriterji tal-għażla kienu tfasslu qabel tnieda l-proċess tal-intervisti lill-applikanti u li dan sar bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Tqis li r-rikorrent iressaq numru ta' ċirkostanzi li jnisslulu tħassib dwar il-mod kif mexa miegħu l-Bord tal-Għażla waqt l-intervista li saritlu[20] u kif ukoll dubji dwar kif inħareġ ir-riżultat u, ftit tal-ħin wara, ħarġet verżjoni oħra b'korrezzjoni. B'mod partikolari, jilminta li l-għadd ta' mistoqsijiet kien limitat ħafna u li l-istess mistoqsijiet ma kinux iwasslu biex joħroġ l-aħjar tal-ħila u l-kapaċita' tiegħu li jingħażel għall-post li għalih japplika. Il-Qorti tqis li t-tħassib tar-rikorrent ma jissarrafx, waħdu, f'jedd li joħroġ mad-daqqa t'għajn. Mill-provi li r-rikorrent innifsu ressaq quddiem din il-Qorti, ma ħareġ xejn li jsejjes il-jedd tiegħu li jwaqqaf il-proċess tal-għażla;

Tqis li dawn l-ilmenti jidħlu fl-aspett tad-diskrezzjoni li biha mexa l-Bord tal-Għażla u minnu nnifsu l-eżerċizzju ta' proċess ta' diskrezzjoni ma jistax jitqies mad-daqqa t'għajn u lanqas jagħti lok għal azzjoni biex il-Qorti teżerċitah hi minflok il-Bord (jew il-Kummissjoni li rratifikatu), sakemm ma jidhirx li kien "*ultra vires*" jew imsejjes għal kollox fuq nuqqas ta' raġonevolezza, f'liema każ, dak li jkun jista' jsir hu t-tħassir tal-proċess kollu u l-bidu ta' proċess mill-ġdid;

[19] Klawsola 3.2 tal-Manwal
[20] Xhieda tiegħu f'paġ. 103 tal-atti

Tqis li din it-triq għadha miftuħa għar-rikorrent jekk jagħżel li jagħmel dan bil-proċedura xierqa, mingħajr ma hemm ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub;

Tqis għalhekk, li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrent ma weriex li għandu jedd li jistħoqqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat mitlub, jew li jista' jitlob il-ħruġ tal-imsemmi Mandat biex iħares dak il-jedd;

Tqis għalhekk li ma jirriżultax li r-rikorrent wera li jeżistu l-elementi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2017,** safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta 6 ta' Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**